MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 568/2003

**Godfrey Micallef**

**vs**

**Emanuel u Josephine Falzon Fava u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2003**
**gew kjamati in kawza Zoqdi Excavating Company Ltd (Reg No. C 9913)**
**u Sumy Limited (Reg. No. C. 14260) illum Thems Limited u b'digriet tal-21**
**ta' Mejju, 2004 Joseph u Catherine konjugi Vella intervjenew fil-kawza**
**in statu et terminis**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Peress illi l-attur b'kuntratt tal-1 ta' Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino akkwista l-garage fi stat ta' gebel u saqaf, minghajr numru ufficjali, mmarkat bin-numru 4, fi Triq Rudolph Saliba, Rabat Malta u dan skond id-dokument A hawn anness.

Peress illi a tenur tal-istess kuntratt il-konvenuti in garanzija tal-pacifiku pussess skond il-ligi tal-beni in vendita ppotekaw favur l-attur, li accetta, l-gid taghhom kollu in generali prezenti u futuri.

Peress illi l-attur irrealizza ricentement illi parti mill-propjeta' in vendita ma kienitx mibnija fuq il-propjeta' tal-vendituri imma ta' terzi.

Peress illi l-attur talab lill-konvenuti biex jersqu u jiddefenduh fit-titolu tieghu stante li Giuseppe u Catherine Vella kienu qed jippretendu li parti mill-propjeta' tal-attur hija propjeta' taghhom.

Peress illi l-konvenuti naqsu milli jersqu u jiddefenduh fit-titolu tieghu akkwistat bil-kuntratt fuq imsemmi.

Peress illi l-konvenuti solidalment bejniethom huma responsabbli ghad-danni kollha li l-attur qed isofri minhabba l-agir illegali u abbuziv taghhom u minhabba n-nuqqas taghhom li jiggarantixxu l-pacifiku pussess tal-propjeta' in vendita kif ukoll minhabba l-obbligu kontrattwali minnhom assunt.

Peress illi l-konvenuti gew interpellati biex jiggarantixxu l-pacifiku pussess tal-propjeta' in vendita kif ukoll jonoraw l-obbligu kontrattwali taghhom.

Jghidu l-konvenuti solidalment bejniethom prevja kwalsiasi dkjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-fond ossija garage numru 4 fi Triq Rudolph Saliba, Rabat Malta mixtri bil-kuntratt tal-

1 ta’ Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino huwa propjeta’ tal-attur.

(2) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti ghandhom jiggarantixxu l-pacifiku pussess tal-propjeta’ in vendita.

(3) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti solidalment bejniethom agixxew b’mod abbuziv u llegali in konfront tal-attur meta bieghulu propjeta’ li ma kienitx kollha taghhom.

(4) konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti solidalment bejniethom huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur fl-akkwist tal-fond in kwistjoni meta dan ma kienx in parti propjeta’ tal-konvenuti.

(5) tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, liema somma m’ghandiex tkun inqas mill-valur tal-propjeta’ minnu akkwistata bil-miljoramenti kollha li saru go fih.

(6) tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom biex ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata stante li l-konvenuti ma ggarantewx il-pacifiku pussess tal-propjeta’ in vendita u l-obbligu kuntrattwali taghhom a tenur ta’ dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-17 ta’ April 2001 u tad-29 ta’ Awissu 2002 u tal-mandat ta’ sekwestru numru 934/03 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emmanuel u Josephine Falzon Fava** a fol. 30 tal-process fejn eccepew:

1. Illi fil-mertu, l-azzjoni sperimentata mill-attur hi mproponibbli u legalment insostenibbli peress li ma jirrizultawx l-elementi kostituttivi ta’ din l-istanza attrici ai termini ta’ l-Artikolu 1409 tal-Kodici Civili li jistipula l-

obbligi tal-venditur naxxenti mill-garanziji dwar pussess pacifiku tal-propjeta’ in vendita, u dan minhabba li m’hemmx l-evizzjoni tal-attur mill-garaxx lilu mibjugh mill-eccipjenti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tielet talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li mhux minnu li l-eccipjenti ‘agixxew b’mod abbuziv u llegali in konfront tal-attur’ meta bieghu l-fond in vendita lill-attur.

3. Illi r-raba’, il-hames u s-sitt talba attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi mhux minnu li l-attur gie molestat fit-titolu dwar il-propjeta’ in kwistjoni fit-termini tal-ligi u konsegwentement ma setax jipproponi u wisq anqas isostni dawn it-talbiet attrici.

4. Illi t-talba tal-attur ghall-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru numru 934/03 ghandha tigi wkoll rigettata billi l-istess attur ma pprezentax dan il-mandat ta’ sekwestru kontra l-konvenuti.

5. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna illi jissejhu f’din il-kawza l-kumpaniji Zodqi Excavating Company Limited (Reg. No. C9913) u Sunny Limited (Reg. No. C 14260), li huma l-kumpaniji li minghandhom l-eccipjenti xtraw l-art li fuqha nbena l-garaxx *de quo*, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 1422 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamati fil-kawza Thems Limited gja Sumy Limited** a fol. 39 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante n-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn l-eccipjenti u l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu s-socjeta’ eccipjenti mhix responsabbli ghal kwalunkwe agir abbuziv u llegali fil-konfront tal-attur u lanqas m’hi responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mill-attur;

4. Illi ghalhekk m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti li konsegwentement m’ghandiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamati fil-kawza** Zodqi Excavating Company Limited a fol. 42 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante n-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn l-eccipjenti u l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu s-socjeta’ eccipjenti mhix responsabbli ghal kwalunkwe agir abbuziv u llegali fil-konfront tal-attur u lanqas m’hi responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mill-attur;

4. Illi ghalhekk m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti li konsegwentement m’ghandiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha (ara fol 34/37) fejn ordnat li l-kawzi 569/2003TM u 570/2003NC jinstemghu flimkien ma dina l-kawza, u li x-xhieda kollha li tinstemgha f’dina l-kawza

ghandha tghodd ukoll bhala prova fil-kawzi l-ohra imsemmija li qed jimxu kontestwalment maghha. (ara fol 54);

Rat id-digriet a fol 38 li bih gew kjamati fil-kawza Zoqdi Excavating Company Limited u Sumy Limited;

Rat id-digriet a fol 61 li bih il-Qorti laqghet it-talba tal-konjugi Joseph u Catherine Vella biex jidhlu fil-kawza in statu et terminis;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

L-attur xehed li hu kien xtara garage – (Att 1/9/1997 Dok A fol 5) u wara xi snin l-intervenuti fil-kawza Vella kienu nfurmawh li parti mill-art fejn kien mibni l-garage tieghu ma kienitx tieghu imma kienet proprjeta' tal-Gvern u li Vella kienu xtraw minghand il-Gvern. Meta mar ghand in-Nutar Abela li kien in-Nutar li ghamel il-kuntratt li bih xtara dan ikkonfermalu anke permezz ta' dikjarazzjoni (a fol 86) li l-art in kontestazzjoni ma kienitx tal-Gvern imma tal-kjamati fil-kawza Zoqdi Excavating u Sumy Ltd (illum Thems Ltd) li kienu xtraw l-art minghand Fortunato Micallef. Vella talabhom kumpens ta' l-art li hu kien qed jokkupa. Ghalhekk ghamel dina l-kawza kontra Falzon Fava li kien bieghlu parti minn art li ma kinitx tieghu.

Il-konvenuti Falzon Fava kkonfermaw li huma kienu xtraw porzjon art diviza b'faccata f'Triq Rudolph Saliba, Rabat minghand is-socjeta' Zoqdi Excavating Co Ltd u Sumy Ltd skond kuntratt tas-16 ta' April 1996 (a fol 83) fl'atti tan-Nutar Anthony Abela. In-Nutar Abela kien assikurahom li l-art kienet tal-kumpaniji msemmija. Meta bieghu l-art u wara nqalghet il-kwistjoni n-Nutar kien ghamel dikjarazzjoni (Dok a fol 86) fejn iddikjara li t-titolu kien tajjeb u rrepeta l-istess haga meta kitiblu bl-avukat (fol 87). Il-kjamati fil-kawza hadu l-istess posizzjoni (ara fol 95).

In-Nutar Anthony Abela xehed (ara wkoll ittra a fol. 87) li Fortunato Micallef kien xtara d-dar (f'Bajada Str)

minghand il-Knisja – (Atti Nutar Spiteri) u wara din id-dar inbieghet lill kjamati fil-kawza. Dawn imbaghad waqqghu d-dar u bieghu l-art li fuqha kien hemm dina d-dar lill Falzon Fava. Id-dar kellha bitha/gjardina retroposta segregata minn proprejta ohra b'hajt u kienet tisbokka f'Triq Rudolph Saliba. Wara li l-kumpanija akkwistaw l-art, parti mill-gjardina kienet intilfet billi nfethet triq.
Joseph Camilleri ghal Zoqdi Excavating Co Ltd jghid li hu xtara d-dar ta' Fortunato Micallef u l-fond kien twaqqa u l-art ezatt li fuqha kien mibni dan il-fond giet trasferita lill-konjugi Falzon Fava fuq kuntratt tan 1996. (fol 148). Meta hammlu l-art huma ma marrux oltre mill-hajt tas-sejjieh fit-tarf tal-gjardina. Hadd qatt ma lmenta maghhom li huma kienu dahlu f'proprjeta' ta' terzi.

L-intervenuti fil-kawza jghidu li meta kienu se jibieghu l-post li xtraw minghand Falzon Fava (proprjament il-post inxtara mit-tifla) sabu li parti mill-art kienet ghada tal-Gvern u billi kienu marbutin li jbieghu kellhom jixtru din il-bicca art minghand il-Gvern. Huma jghidu li lesti li jitrasferixxu l-art favur il-persuni li illum ghandhom mibni fuqha jekk jithallsu ta' l-ispejjez li ghamlu flimkien ma' l-interessi.

Rosario Galea – rapprezentant tal-Joint Office xehed li meta l-Knisja ghaddiet l-art li eventwalment xtraw Vella lill Gvern ma kienx hemm terzi persuni li ghamlu xi claim u ghalhekk l-art giet registrata fuq il-Gvern fin-1997 b'effett min 1993 - (Ara pjanta JP fol 75). L-art kienet tal-Katidral, Fondazzjoni ta' Ghar Barka – proprjeta maghrufa bhala Tac-Caghki – (Dok PG1/2 fol 71/72) u kien hemm certu Francis Mifsud li kien ihallas il-qbiela fuq dina l-art. Huma kienu rcevew ittra mill-Katidral li tikkonferma li l-art kienet taghhom (fol 72). In segwitu d-Dipartiment kien hareg offerta' ghall 30 sqm art f'Triq Rudolph Saliba u din il-proprjeta' inxtrat minn Giuseppi Vella.

Frangisk Mifsud ikkonferma li r-raba li kellu kienet tmiss mal-post ta' Fortunato Micallef. Ighid li kien hemm hajt tas-sejjieh bejnithom. Hu kellu wkoll parti mir-raba tmiss ma Camilleri. Ir-raba kienet tal-Knisja u kien hadha l-Gvern. Kienu fethu t-triq u baqa' bicca zghira li tispicca fil-

hajt tas-sejjieh. Illum ma baqa' xejn minn dina l-art ghax hadha l-Gvern. Hu ma jafx jekk il-garaxxijiet humiex mibnijin fuq tieghu jew fuq ta' Fortun ghax ghaddew it-triq.

**Sottomisjonijiet attur**

L-attur jissottomettl li meta l-kjamati fil-kawza waqqu l-post ta' Fortunato Micallef u hammlu l-art huma ma hammlux biss sal-hajt tas-sejjieh cjoe il-konfini tal-gjardina li kellhom imma hadu l-parti ta' Frangisk Mifsud li kienet tmiss mal-hajt tas-sejjieh taghhom u baqghu sejrin sal-hajt ta' Rose Camilleri. Isostnl li l-*area* li thammlet kienet ghalhekk akbar mid-dar ta' Fortunato Micallef li l-kjamati fil-kawza kienu xtraw. Infatti l-attur jirritjeni li fil-kuntratt li bih Zoqdi biegh lil Falzon Fava fin-1996 hemm miktub li l-proprjeta' f'parti minnha tmiss ma beni tal-familja Camilleri meta fil-fatt dina kienet lil hinn mill-ghalqa li Frangisk Mifsud kellu bi qbiela u li kienet tmiss ma dar ta' Fortun Micallef.

**Sottomissjonijiet konvenuti**

Il-konvenuti jissottomettu li huma bl-ebda mod ma agixxew abusivament u huma bnew ezattament fuq il-proprjeta' li kienu xtraw minghand il-kjamati fil-kawza u li ma kienux huma responsabbili ghat-thammil taghha.

**Sottomissjoni kjamati fil-kawza**

Il-kjamati fil-kawza jissottomettu illi huma ma nvadew ebda proprjeta' ta' terzi meta hammlu l-fond li xtraw minghand Fortunato Micallef. Isostnu li dak li xehed Bondin gie kontradett minn Frangisk Mifsud fejn qal li l-art tieghu kienet tmiss ma ta' Fortunato Micallef u li ma kellux problemi dwar dina l-art.

Jargumentaw ghalhekk li jekk l-Katidral kien biegh din l-art lill-Fortunato Micallef fil-1979, dina l-proprjeta' ma setghetx tkun inkluza bhala parti minn dik li ttrasferew lill Gvern. Il-parti ta' 30 m2 li Vella jghidu li xtraw minghand il Gvern fis-sena 2000 kienet tifforma parti mill-bitha tad-dar ta' Micallef.

**Eccezzjonijiet tal-konvenuti**

Il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza jsemmu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ghalkemm mhemmx eccezzjoni formalment proposta, li l-ewwel u t-tielet talbiet attrici huma konfliggenti billi fl-ewwel talba l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddeciedi li l-garage huwa propjeta' ta' l-attur, mentri fit-tielet talba qed jitlob li l-Qorti tiddeciedi illi l-konvenuti agixxew b'mod abbuziv u llegali fil-konfront tal-attur meta bieghulhu propjeta' li ma kienitx kollha taghhom.

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg domandi jistghu joqghodu flimkien u mhux bil-fors li wahda teskludi lill ohra billi fit-tielet domanda l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuti bieghulu proprejta li ma kienitx KOLLHA taghhom. Huwa veru li l-attur ghandu titolu validu ta' akkwist favur tieghu pero' mhux fuq il-proprjeta' kollha billi jidher li parti minnha qed tigi kontestata minn Vella.

Il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza qed jeccepixxu wkoll li l-azzjoni sperimentata mill-attur hi mproponibbli billi ma jirrizultawx l-elementi kostituttivi ta' l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1409 tal-Kodici Civili billi m'hemmx l-evizzjoni ta' l-attur mill-garaxx lilu mibjugh mill-eccipjenti. Isostnu li l-attur mexxa b'dina l-azzjoni minhabba ksur tal-garanzija tal-pacifiku pussess min-naha tal-konvenuti (ghalhekk mhux kaz ta' actio rei vendikatorja) u d-dritt li tigi intavolata dina l-azzjoni jiskatta biss wara li jkun hemm evizzjoni, u t-theddida potenzjali ta' evizzjoni ma hiex bizzejjed.

Il-Qorti ma taqbilx li biex tigi ezercitata dina l-azzjoni jrid ikun hemm l-evizzjoni. Fil-fatt hu bizzejjed li jkun hemm f'dan ir-rigward theddida potenzjali ta' dritt minn terza persuna li tkun reali fuq l-istess proprjeta'. Kif gie deciz fis-sentenza Pace vs Grixti et Vol 28 p2 p 383 "*perche' si configuri l-evizione per i fini della garanzia del pacifico possesso non si richiede indispensabilmente che essa risulta da una sentenza in seguito ad un giudizio specialmente istituito, ma basta che il diritto del*

*comptratore sia contrastato... Basta dunque che vi sia una turbativa di diritto perche' il compratore possa agire*".

Fil-kaz in ezami jirrizulta li Vella kienu ghamlu protest kontra l-attur (ara fol 55) u heddew li se jiehdu passi kontra tieghu anke permezz ta' subasta, u sahanistra dahlu f'dina l-kawza bhala intervenuti. Apparti dana pero' anke jekk stess Vella ma agixxewx kontra l-attur, dan l-istess ghandu dritt li jitlob l-garanzija tal-pacifiku pussess minghand il-konvenuti billi jaf li t-titolu li ghandu mhux cert u jista' jigi kontestat u jekk xi darba jigi biex ibiegh ma jkunx jista jaghmel hekk jekk ma jigiex determinat definittivament it-titolu tieghu.

**Eccezzjonijiet  ohra tal-kjamati fil-kawza.**

Il-kjamat fil-kawza qed jeccepixxu wkoll li huma m'ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Huma jsostnu li kienu ggarantew i-pacifiku pussess lill konvenuti u mhux lill attur. Fil-fatt f'dan ir-rigward il-kjamati fil-kawza ghandhom ragun billi l-garanzija tal-pacifiku pussess inghatat lill attur mill konvenuti u dak li qed jigi allegat mill-attur huwa fil konfront ta' l-atturi u qed jitlob il-garanzija minghandhom u mhux mill-kjamati fil-kawza li ssejjhu mill-konvenuti fil-kawza ai fini ta' l-artikolu 1422 tal-Kap 16.

Minhabba f'hekk ma tqumx il-kwistjoni l-ohra sollevata mill-kjamati fil-kawza dwar preskrizzjoni billi ma hemm ebda terminu li jista' jibqa' jiddekorri kontra taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET FIL-MERTU**

Mill-provi prodotti jirrizulta li kien sar xi *overlapping* fuq art tal-Gvern meta l-kjamati fil-kawza hammlu art aktar milli kellhom meta waqghu d-dar ta' Fortunato Micallef li kienu xtraw. Il-kwistjoni nqalghet mhux ghax ma hemmx qbil fuq li l-*footprint* tal-proprejta' li kellu Fortunato Micallef (skond

pjanta fil-kuntratt tan 1994) imma ghax wara li twaqqet id-dar il-kjamati fil-kawza hammlu aktar milli kellhom.

L-art zejda li ttiehdet kienet giet registrata bhala tal-Gvern fil-1997 b'effett minn Frar 1993. (Dok JP fol 75) u dana wara konferma mill-Knisja li l-art kienet taghha. (ara Dok PG2 a fol 72). Fuq dina l-art il-Knisja kienet tircevi qbiela minghand Frangisk Mifsud li kkonferma li din l-art li kellu kienet tmiss mal-post ta' Fortunato Micallef.

Mill-*aerial view* tan-1998 hemm *highlighted* id-dar li kienu akkwistaw il-kjamati fil-kawza mentri fl-*aerial view* tal-1994 jidher it-thammil kollu li sar fil-parti *highlighted* u f'parti mill-ghalqa ta' Frangisk Mifsud li kienet proprjeta' tal-Knisja. L-arja tat-thammil hija ikbar minn dik *highlighted*.

Fortun Micallef kien xtara l-post 2, Alley 1 Hal Bajjada Street, Rabat. Meta twaqqa dan il-post u sar il-kuntratt fil-1996 il-konfini tal-bicca art li xtraw Falzon Fava minghand Zoqdi Excavating Co Ltd u Sumy Ltd kienu minn Nofsinhar ma' Triq Rudolph Saliba, mill-Punent mill-isqaq Alley Nru 1, u mil-Lvant ma' beni tal-familja Camilleri. Izda jirrizulta li d-dar ta' Fortun Micallef (li wara xtrawha l-kjamati fil-kawza) ma kienitx tmiss mal-proprjeta' ta' Camilleri imma bejnithom kien hemm l-art tal-Knisja li kienet imqabbla ghand Frangisk Mifsud. Dan ifisser li meta l-kjamati fil-kawza hammlu wara li waqqghu d-dar ta' Fortun Micallef huma hammlu fuq l-art tal-Knisja li kienet imqabbla ghand Frangisk Mifsud u li wara ghaddiet ghand il-Gvern.

Jirrizulta ghalhekk li meta Falzon Fava bieghu l-post lill attur parti mill-post ta' l-attur kien fuq proprjeta' tal-Knisja li wara ghaddiet ghand il-Joint Office imbaghad inxtrat mill intervenuti fil-kawza Vella.

Ghalhekk l-ewwel erba' talbiet ta' l-attur ghandhom jintlaqghu kif se jinghad.

Kwantu ghal hames u sitt talbiet dwar id-danni, jirrizulta li f'dina l-kawza Vella, l-intervenuti fil-kawza ma huma qed jitolbu xejn u lanqas jistghu, kif ukoll jirrizulta li l-attur ma

hallas xejn lill Vella. Mhux il-kaz li jigi nominat perit tekniku kif intalab mill-attur billi hu stabbilit diga x'hallsu u xi spejjez ghamlu Vella biex xtraw l-art in kontestazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg talbiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' l-ewwel erba' talbiet ta' l-attur
U tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-hames u sitt talbiet
Spejjez ghall konvenuti Falzon Fava
Il-kjamati fil-kawza qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghal konvenuti Falzon Fava, salv impregudikat kull dritt spettanti lilhom kontra l-kjamati fil-kawza,

L-intervenuti ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------